**Talbiet tar-Rikorrenti**

— tikkonstata li r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi naqas mill-obbligi tiegħu bis-saħħa tal-Artikolu 5 tat-Trattat KE (li sar, wara emenda, Artikolu 10 KE, li sar huwa stess Artikolu 4(3) TUE) billi ma kkompensax it-telf tal-ammonti tar-riżorsi tiegħu stess li misshom ġew ikkonstatati bis-saħħa tal-Artikoli 2, 6, 10, 11 u 17 tar-Regolament Nru 1552/1989 ([1]) (li saru l-Artikoli 2, 6, 10, 11 u 17 tar-Regolament 1150/2000 ([2])) u li missu qiegħed għad-dispożizzjoni tal-baġit tal-Unjoni jekk iċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 ma kinux ġew ikkunsinnati bi ksur, minn naħa, tal-Artikolu 101(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/482 ([3]) u tal-Artikolu 12(6) tal-Anness II ta' din id-deċiżjoni fir-rigward tal-importazzjoni ta' trab tal-ħalib u ross ta' Curaçao fil-perijodu 1997-2000 u, min-naħa l-oħra, tal-Artikolu 35(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/822 ([4]) u tal-Artikolu 15(4) tal-Anness III ta' din id-deċiżjoni fir-rigward tal-importazzjoni ta' xgħir u barli mitħun oħxon ta' Aruba fil-perijodu 2002-2003;

— tikkundanna lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

L-awtoritajiet doganali ta' Curaçao u ta' Aruba, żewġ pajjiżi lil hinn mill-baħar tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, bi żball ħarġu ċertifikati tal-oriġini EUR.1 għat-trab tal-ħalib, ir-ross, ix-xgħir u l-barli mitħun oħxon. Fil-fatt huwa stabbilit li ma ġewx sodisfatti l-kundizzjonijiet ta' għoti ta' oriġini preferenzjali bis-saħħa tad-deċiżjonijiet rilevanti dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u territorji lil hinn mill-baħar mal-Komunità Ekonomika Ewropea. L-irregolaritajiet li jivvizzjaw iċ-ċertifikati wasslu għal telf ta' riżorsi proprji ta' EUR 18 192 641,95 għall-Unjoni minħabba nuqqasijiet amministrattivi li twettqu fil-Curaçao u ta' EUR 298 080 minħabba nuqqasijiet amministrattivi li twettqu f'Aruba.

Il-Kummissjoni tqis li r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi hija responsabbli bħala Stat Membru, fid-dritt tal-Unjoni, ta' dan it-telf ta' riżorsi proprji kkawżati mit-territorji tagħhom u li għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-baġit tal-Unjoni, bis-saħħa tal-obbligu ta' kooperazzjoni leali, l-ammont totali tad-dazji tad-dwana u tal-imposti (miżjuda bl-interessi) mhux rikonoxxuti u mhux miġbura.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1552/89, tad-29 ta' Mejju 1989, li japplika d-Deċiżjoni 88/376/KEE, Eurotom dwar is-sistema tar-riżorsi stess tal-Komunitajiet (ĠU 1989, L 155, p. 1).

([2]) Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 1150/2000, tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplimenta d-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p 169).

([3]) Deċiżjoni tal-Kunsill 91/482/KEE, tal-25 ta' Lulju 1991, dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u territorji lil hinn mill-baħar mal-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU 1991, L 263, p. 1).

([4]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/822/KE, tas-27 ta' Novembru 2001, dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji lil hinn mill-baħar mal-Komunità Ewropea ("Deċiżjoni dwar Assoċjazzjoni lil hinn mill-baħar") (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 38, p. 319).

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesverwaltungsgericht (l-Awstrija) fit-3 ta' Lulju 2017 – Martin Leitner vs Landespolizeidirektion Tirol

**(Kawża C-396/17)**

(2017/C 347/06)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesverwaltungsgericht

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Martin Leitner

*Konvenut:* Landespolizeidirektion Tirol

**Domandi preliminari**

1.1 Id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikoli 1, 2 u 6 tad-Direttiva 2000/78/KE ([1]), flimkien mal-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġu interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li, għall-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni kontra uffiċjali taċ-ċivil fis-servizz, tipprevedi sistema tranżitorja li permezz tagħha s-sistema ta' klassifikazzjoni mis-sistema biennali preċedenti għal sistema biennali ġdida (fiha nnifisha nondiskriminatorja għall-uffiċjali taċ-ċivil ġodda), abbażi ta' "ammont tranżitorju", għalkemm ikkalkolat fi flus, jikkorrispondi madankollu għal klassifikazzjoni attribwibbli speċifikament, b'mod li tissokta d-diskriminazzjoni abbażi tal-età kontra l-uffiċjali taċ-ċivil fis-servizz?

1.2 Id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2000/78/KE u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li, skont l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Artikoli 9 u 16 tad-Direttiva 2000/78 fis-sentenza tal-11 ta' Novembru 2014, Schmitzer (C-530/13, EU:C:2014:2359), tipprekludi lill-uffiċjali taċ-ċivil fis-servizz milli jitolbu konstatazzjoni tal-pożizzjoni salarjali tagħhom, abbażi tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2000/78, fid-data tat-tranżizzjoni lejn is-sistema l-ġdida billi jiġi ddikjarat li l-bażijiet legali korrispondenti ma humiex iktar applikabbli retroattivament għad-data li fiha daħlet fis-seħħ il-liġi prinċipali oriġinali u, b'mod partikolari, li perijodi ta' servizz preċedenti li twettqu qabel l-età ta' 18-il sena ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni?

1.3 Jekk ir-risposta għad-domanda 1.2 tkun fl-affermattiv:

Il-prinċipju tas-supremazija tad-dritt tal-Unjoni kkonstatat, fost oħrajn, fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Novembru 2005, Mangold (C-144/04, EU:C:2005:709), jeżiġi li d-dispożizzjonijiet applikabbli għall-uffiċjali taċ-ċivil fis-servizz qabel it-tranżizzjoni, li kienu ġew abrogati retroattivament, għandhom jibqgħu japplikaw sabiex dawn l-uffiċjali taċ-ċivil jistgħu jiġu kklassifikati retroattivament fis-sistema l-qadima b'mod nondiskriminatorju u għalhekk jiġu kklassifikati fis-sistema l-ġdida ta' remunerazzjoni b'mod nondiskriminatorju?

1.4 Id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikoli 1, 2 u 6 tad-Direttiva 2000/78/KE, flimkien mal-Artikoli 21 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li telimina d-diskriminazzjoni eżistenti bbażata fuq l-età (fir-rigward tat-teħid inkunsiderazzjoni ta' perijodi ta' attività mwettqa qabel l-età ta' 18-il sena) sempliċement b'mod dikjaratorju, billi tipprevedi li l-perijodi effettivament imwettqa taħt kundizzjonijiet diskriminatorji għandhom retroattivament jitqiesu li ma humiex iktar diskriminatorji anki jekk id-diskriminazzjoni effettivament tissokta?

([1]) Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Nürnberg (il-Ġermanja) fl-10 ta' Lulju 2017 – Andreas Fabri u Elisabeth Mathes vs Sun Express Deutschland GmbH

**(Kawża C-418/17)**

(2017/C 347/07)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Amtsgericht Nürnberg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Andreas Fabri, Elisabeth Mathes

*Konvenuta:* Sun Express Deutschland GmbH

**Domandi preliminari**

1) Il-bidla f'riżervazzjoni permezz tat-trasferiment ta' passiġġier lejn titjira differenti mit-titjira oriġinarjament prevista tikkostitwixxi każ li għalih japplika l-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 261/2004 ([1])?

F'każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda: